



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10136/24

CDR 73

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mir-Repubblika
Taljana, fil-Komitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta'...

**li taħtar membru,
propost mir-Repubblika Taljana,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoral ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fis-6 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2023/309² li taħtar tliet membri u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Is-Sur Roberto PELLA nħatar bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Mejju 2024. Konsegwentement, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Roberto PELLA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Valdengo (BI)* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Valdengo (BI)), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/309 tas-6 ta' Frar 2023 li taħtar tliet membri u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 40, 10.2.2020, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/309/oj>).

Artikolu 1

Is-Sur Roberto PELLA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoral, (*Sindaco del Comune di Valdengo (BI)*)(Sindku tal-Muniċipalit  ta' Valdengo (BI)), huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat tar-Regġuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
